KUNSILL PONTIFIĊJU
***COR UNUM***

**MESSAĠĠ TAR-RANDAN**
**TAL-QDUSIJA TIEGĦU**
**IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II**
**2005**

**"Tħobb il-Mulej .... din hi l-ħajja tiegħek**
**U t-tul ta' jiemek"**

(Dt 30, 20)

Għeżież Ħuti !

1. Ta' kull sena, ir-Randan jippreżentalna żmien propizju sabiex nżidu dejjem iżjed it-talb u l-penitenza, billi nifttħu l-qalb tagħna għal-laqgħa ħelwa mar-rieda divina. Fih aħna niġu murija mixja spiritwali li tħejjijna ngħixu mill-ġdid il-misteru kbir tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu, fuq kollox permezz tas-smigħ iżjed kontinwu tal-Kelma ta' Alla u l-prattika iżjed ġeneruża tal-mortifikazzjoni, li minħabba fiha nistgħu ngħinu iktar fil-wisa' lill-proxxmu fil-bżonn.

Hija xewqa tiegħi, għeżież Ħuti, li din is-sena inqegħdilkom għall-attenzjoni tagħkom, suġġett li huwa attwali għall-aħħar, muri sewwa mill-versi li ġejjin u li huma meħuda mill-Ktieb tad-Dewteronomju : "*Tħobb il-Mulej .... din hija l-ħajja tiegħek u t-tul ta' jiemek*" (Dt. 30, 20). Dawn huma kelmiet li Mose' qal lill-poplu tiegħu sabiex jistiednu jidħol f'patt ma' Jaħwe' fil-pajjiż ta' Moab, "*aħtar il-ħajja biex tgħix int u nislek, billi tħobb il-Mulej Alla tiegħek, tisma' kelmtu u tingħaqad miegħu*" (Dt 30, 19-20). Il-fedelta' għal dan il-Patt divin hija għal Iżrael garanzija għall-ġejjieni, "*biex tkun tista' tgħammar fuq l-art, li ħalef il-Mulej lil missirijietek, Abraham, Iżakk u Ġakobb*". Fil-viżjoni biblika, li wieħed jasal f'eta' matura huwa sinjal ta' benevolenza ħelwa. Il-ħajja twila hija rigal kbir ta' Alla.

Matul ir-Randan nixtieq nistedinkom għar-riflessjoni dwar dan is-suġġett, sabiex ninżlu fil-fond fl-għarfien tar-rwol li l-anzjani huma msejħa jwettqu fis-soċjeta' u fil-Knisja, u b'hekk iħejju ruħhom għal-laqgħa kollha

mħabba li għandha tiġi riservata lilhom. Fis-soċjeta' tal-lum, anke minħabba l-kontribut tax-xjenza u tal-mediċina, wieħed jara kulma jmur tikber l-eta' tal-ħajja tal-bniedem, u allura, minħabba f'hekk qed ikun hawn żieda fin-numru ta' l-anzjani. Dan kollu jitlob attenzjoni speċifika għad-dinja hekk imsejħa tat-"tielet eta'", sabiex jiġu megħjuna l-membri tagħha ħalli jgħixu l-potenzjal sħiħ tagħhom billi tqegħidhom għall-qadi tal-komunita' intiera. Il-kura ta' l-anzjani, fuq kollox meta jkunu għaddejjin minn mumenti diffiċli, għandha tkun ta' preokkupazzjoni għall-fidili kollha, speċjalment fil-Komunitajiet ekkleżjali tas-soċjeta' tal-Punent, fejn il-problema hija partikularment preżenti.

2. Il-ħajja tal-bniedem hija don prezzjuż li wieħed għandu jħobb u jħarsu f'kull fażi tiegħu. Il-kmandament: "La toqtolx!" jitlob li l-ħajja umana għandha tiġi dejjem rispettata u mqiegħda fuq quddiem, mill-bidu nett tagħha sat-tmiem . Dan huwa kmand li japplika wkoll quddiem il-mard, u meta d-dgħajfien tal-forzi jwassal biex inaqqas lill-bniedem mill-kapaċita' tiegħu ta' awtonomija. Jekk ix-xjuħija bil-kundizzjonamenti tagħha li ma jistgħux jiġu evitati, tiġi milqugħa serenament fid-dawl tal-fidi, tista' ssir okkażjoni prezzjuża sabiex jiġi magħruf aħjar il-misteru tas-Salib, li jagħti sens sħiħ lill-eżistenza umana.

L-anzjan jeħtieġ li jiġi mifhum u megħjun f'din il-prospettiva. Nixtieq hawnhekk nesprimi l-apprezzament tiegħi għal dawk kollha li jiddedikaw ħajjithom biex jgħinu f'dawn l-esiġenzi u nħeġġeġ volontarji oħra sabiex jaraw li japprofittaw ruħhom mir-Randan sabiex iwasslu huma ukoll il-kontribut personali tagħhom. Dan jgħin lil ħafna anzjani sabiex ma jħossux is-solitudni li tesponihom għat-tentazzjoni li jiżolaw lilhom infushom u jiskoraġġixxu ruħhom.

Jeħtieġ li titqajjem kuxjenza ta' l-opinjoni pubblika, dwar kif l-anzjani jiffurmaw f'kull każ, għajn li għandha tiġi apprezzata. Għalhekk, għajnuniet ekonomiċi u inizjattivi leġislattivi li jgħinuhom ma jinqatgħux mill-ħajja soċjali, għandhom jissażżu. Biex ngħid is-sewwa, f'dawn l-aħħar għaxriet ta' snin, is-soċjeta' qagħdet aktar attenta għall-ħtiġijiet tagħhom, u l-mediċina żviluppat kura li tnaqqas l-uġigħ li, permezz ta' tqarrib integrali mal-marid, jirriżultaw ta' benefiċċju partikulari lejn dawk ta' ħajja twila.

3. Il-ħin ħieles disponibbli f'din il-fażi ta' l-eżistenza joffri lill-persuni anzjani l-opportunita` li jaffrontaw il-problemi primarji li x'aktarx qabel ikunu ġew imwarrba minħabba interessi ħorox jew inkella meqjusa bħala

prijoritarji. L-għarfien li kulma jmur huma qed jersqu lejn il-mira finali, iġiegħel lill-anzjan sabiex jikkonċentra lilu nnifsu fuq dawk l-affarijiet li huma essenzjali, billi jagħti importanza lil dawk il-ħwejjeġ li l-mixja tas-snin baqgħet ma qerditx.

Proprju minħabba din il-kundizzjoni, il-bniedem anzjan jista' jwettaq ir-rwol tiegħu jew tagħha fis-soċjeta' Jekk huwa veru li l-bniedem jgħix fuq il-wirt ta' dawk li ġew qablu, u li l-futur tiegħu jiddependi definittivament fuq kif il-valuri kulturali ta' niesu ġew imwassla lilu, allura l-għerf u l-esperjenza ta' l-anzjan tista' ddawwal il-mogħdija tiegħu ta' progress lejn forom ta' ċivilizzazzjoni aktar sħiħa.

Kemm huwa importanti li niskopru mill-ġdid dan li nistagħnew reċiprokament fost il-ġenerazzjonijiet diversi! Ir-Randan, bl-istedina qawwija tiegħu għall-konverżjoni u għas-solidarjeta', iwassalna, matul din is-sena, biex niffokaw fuq dawn it-temi importanti li jinteressaw lil kulħadd. X'jiġri jekk il-Poplu ta' Alla jċedi quddiem ċerta mentalita' kurrenti li tqis lil dawn ħutna, nisa u irġiel, bħala persuni inutli, meta dawn jitilfu l-kapaċita' tagħhom minħabba l-eta' jew il-mard? Mill-banda l-oħra, kemm tkun differenti l-komunita' kieku, filwaqt li tibda mill-familja, tipprova tibqa' dejjem miftuħa u akkoljenti fil-konfront tagħhom!

4. Għeżież Ħuti, matul ir-Randan, megħjuna mill-Kelma ta' Alla, ejjew nirriflettu kemm huwa importanti li kull Komunita' issieħeb, b'għarfien ta' mħabba, lil dawk li jkunu qed jixjieħu. Barra minn hekk, wieħed irid jidra jaħseb b'fiduċja fil-misteru tal-mewt, sabiex il-laqgħa definittiva ma' Alla sseħħ fi klima ta' paċi interjuri, fl-għarfien li dak li jkun qed jilqagħna huwa Dak li "*sawwarna fil-ġuf ta' ommna*" (cfr Salm 139, 13b) u li riedna li nkunu "*fis-sura u fix-xbieha tiegħu".* (cfr Ġen 1:26)

Marija, il-gwida tagħna fil-mixja tagħna tar-Randan, tmexxi lil dawk kollha li jemmnu, b'mod speċjali lill-anzjani, għall-għarfien dejjem iżjed profond ta' Kristu mejjet u rxuxtat, li huwa l-iskop aħħari ta' l-eżistenza tagħna. Marija, il-qaddejja fidila ta' l-Iben divin tagħha, flimkien mal-Qaddisin Anna u Ġwakkin, tidħol għal kull wieħed u waħda minna, aħna "li resqin lejn is-siegħa tal-mewt tagħna".

Nagħti lil kulħadd il-Barka tiegħi!

**Ġwanni Pawlu II**